



Kunsill Ewropew

Brussell, 23 ta' Marzu 2023
(OR. en)

EUCO 4/23

CO EUR 3
CONCL 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 ta' Marzu 2023) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Guterres.

*

* *

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, u jfakkar fl-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u għad-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa.
2. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-Risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti sottostanti għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna, li ġiet adottata b'appoġġ wiesa' mill-komunità internazzjonali. Huwa jtenni l-appoġġ tiegħu għall-Formula ta' Paċi tal-President Zelenskyy. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mal-Ukrajna fuq il-pjan ta' paċi f'10 punti.
3. Jeħtieġ li r-Russja twaqqaf l-aggressjoni tagħha u tirtira immedjatament, kompletament u mingħajr kondizzjonijiet il-forzi militari u l-proxies kollha tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Id-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż dwar it-trattament tal-priġunieri tal-gwerra, irid jiġi rrispettat. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. Jeħtieġ li r-Russja tiżgura immedjatament ir-ritorn sikur tal-Ukreni trasferiti jew deportati bil-forza lejn ir-Russja, b'mod partikolari t-tfal. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-mandati ta' arrest maħruġa reċentement mill-Qorti Kriminali Internazzjonali, kontra l-President tar-Russja u l-Kummissarju tiegħu għad-Drittijiet tat-Tfal, għad-delitt tal-gwerra ta' deportazzjoni u trasferiment illeġittimi ta' tfal Ukreni minn żoni okkupati tal-Ukrajna lejn ir-Russja.

4. Jeħtieġ li r-Russja twaqqaf immedjatement l-azzjonijiet li jipperikolaw is-sikurezza u s-sigurtà tal-faċilitajiet nukleari ċivili fl-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika.
5. L-Unjoni Ewropea hija impenjata bil-qawwa kollha li tiżgura li tintrefa' r-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-oħra l-aktar serji mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu xieraq għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni, li tikkonċerna lill-komunità internazzjonali kollha kemm hi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim li jinħoloq iċ-Ċentru Internazzjonali l-ġdid għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA) f'The Hague, li ser ikun marbut mal-Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta eżistenti appoġġata mill-Eurojust. Huwa jtenni l-appoġġ tiegħu għall-investigazzjonijiet tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jilqa' n-negozjati li ser isiru għal Konvenzjoni ġdida dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u delitti internazzjonali oħra.
6. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li żżomm u żżid il-pressure kollettiva fuq ir-Russja, inkluż permezz ta' aktar miżuri restrittivi possibbli, u li tkompli taħdem fuq il-limitu massimu tal-prezz taż-żejt flimkien mas-sħab. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza u l-urġenza li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet fil-livell Ewropew u nazzjonali u huwa impenjat bil-qawwa kollha biex jipprevjeni u jiġġieled b'mod effettiv iċ-ċirkonvenzjoni f'pajjiżi terzi u minnhom. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jsaħħu l-istrumenti kollha ta' infurzar meħtieġa u jiżviluppaw, flimkien mal-Istati Membri, approċċ ikkoordinat bis-sħiħ għal dak l-għan. L-Unjoni Ewropea ser tintensifika l-ħidma tagħha mas-sħab biex tiġġieled in-narrattivi foloz tar-Russja u d-diżinformazzjoni tagħha dwar il-gwerra.

7. L-Unjoni Ewropea tappoġġa bil-qawwa u bis-sħiħ lill-Ukrajna u ser tkompli tipprovdi appoġġ politiku, ekonomiku, militari, finanzjarju u umanitarju b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri qed iżidu l-isforzi tagħhom biex jgħinu jissodisfaw il-ħtiġijiet urġenti militari u ta' difiża tal-Ukrajna. Filwaqt li jqis l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Istati Membri kollha, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil fil-Kunsill biex b'mod urġenti jikkonsenjaw munizzjon mill-art għall-art u tal-artillerija lill-Ukrajna u, jekk mitluba, missili, inkluż permezz ta' akkwist konġunt u l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament adatt inkluż permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi, bl-għan ikun li jiġu pprovduti miljun balla ta' munizzjon tal-artillerija fi sforz konġunt fit-tmax-il xahar li ġejjin, mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċertu Stati Membri.
8. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, ir-reparazzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sħiħ tal-UE għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu internazzjonali biex tiġi rreġistrata l-ħsara li għamlet ir-Russja. Flimkien mas-sħab, l-Unjoni Ewropea ser tkompli żżid il-ħidma lejn l-użu tal-assi ffriżati u immobilizzati tar-Russja għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna u għall-finijiet ta' reparazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.
9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impenn u l-isforzi ta' riforma tal-Ukrajna, u jissottolinja l-importanza tal-proċess ta' adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE, f'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari dawk tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2022.
10. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi l-appoġġ meħtieġ kollu lir-Repubblika tal-Moldova, inkluż biex issaħħaħ ir-reżiljenza, is-sigurtà, l-istabbiltà, l-ekonomija u l-provvista tal-enerġija tal-pajjiż fid-dawl ta' attivitajiet destabbilizzanti minn atturi esterni, kif ukoll tappoġġaha fit-triq tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pakkett ta' appoġġ qabel il-laqgħa tiegħu li jmiss.

11. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-appoġġ militari li qed jibqa' jingħata mill-Iran u l-Belarussja għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Huwa jħeġġeġ lill-pajjiżi kollha biex ma jipprovdux materjal jew appoġġ ieħor għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja.
12. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-użu minnha tal-ikel bħala arma dgħajfu s-sigurtà dinjija tal-ikel. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-estensjoni tal-Inizjattiva tan-NU tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali. Din l-inizjattiva, il-Korsiji ta' Solidarjetà tal-UE u l-inizjattiva Ukrena "Grain from Ukraine" huma strumentali biex tissaħħaħ is-sigurtà dinjija tal-ikel. Huwa jenfasizza l-hteġa li tiġi żgurata d-disponibbiltà kontinwa u l-affordabbiltà tal-prodotti agrikoli għall-pajjiżi l-aktar fil-bżonn.

II. KOMPETITTIVITÀ, SUQ UNIKU U EKONOMIJA

13. Fid-dawl tal-isfidi dejjem aktar kumplessi (it-tibdil fil-klima, is-sitwazzjoni ġeopolitika, il-prezzijiet tal-enerġija, ix-xokkijiet ripetuti fil-ktajjen tal-provvista, ix-xejriet demografiċi, in-nuqqas ta' ħaddiema, id-diskrepanza fit-tkabbir u l-innovazzjoni), l-Unjoni Ewropea qed tibni ekonomija robusta u li tibqa' valida fil-futur li tassigura l-prosperità fit-tul. Dan jeħtieġ approċċ integrat fl-oqsma kollha ta' politika biex jiżdiedu l-produttività u t-tkabbir madwar il-bażi ekonomika kollha tal-kontinent tagħna, li jgħaqqad Suq Uniku approfondit u politiki industrijali, agrikoli u kummerċjali msaħħa.

L-Unjoni Ewropea ser tiżgura l-kompetittività tagħha billi ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-produttività tagħha, tiffaċilita l-finanzjament, timmira għal enerġija affordabbli, tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha, tinvesti fil-ħiliet tal-futur u tagħmel il-bażi ekonomika, industrijali u teknoloġika tagħha adattata għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanza l-ħidma fuq dawn l-aspetti kollha, u biex jirrapporta dwar il-progress qabel il-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2023. Barra minn hekk, il-Kunsill huwa mistieden jivvaluta l-progress kull sena, abbażi tal-kontribut tal-Kummissjoni, inkluż l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

Is-Suq Uniku u l-kompetittività u l-produttività fit-tul

14. Mill-ħolqien tiegħu tliet deċennji ilu, is-Suq Uniku sostna l-prosperità tal-Ewropa u tejjeb il-ħajja taċ-ċittadini. Id-dimensjoni soċjali tiegħu hija fil-qalba ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna. Tul is-snin, wassal għal żieda sostanzjali fil-kummerċ bejn l-Istati Membri u għen lin-negozji Ewropej biex jidħlu fis-swieq globali. Lil hinn mill-kontribut sinifikanti tiegħu għat-tkabbir u l-kompetittività, is-Suq Uniku għamilha wkoll possibbli li ċ-ċittadini Ewropej jibbenefikaw minn standards soċjali u ambjentali għoljin u minn protezzjoni qawwija tal-konsumatur biex b'hekk l-Ewropa saret entità li tistabbilixxi l-istandards fil-livell dinji.
15. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-enfasi li qed terġa' ssir fuq l-infurzar tar-regoli eżistenti tas-Suq Uniku u fuq it-tneħħija tal-ostakli, kif propost fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Is-Suq Uniku ta' 30" ("The Single Market at 30"). Suq Uniku li jaħdem tajjeb jibqa' fundamentali għas-suċċess tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, għat-tkabbir futur tagħna u għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-Kunsill Ewropew jappella għal azzjoni ambizzjuża biex jitlesta s-Suq Uniku, b'mod partikolari għall-qasam diġitali u dak tas-servizzi, u biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet li ħarġu fid-deher minn kriżijiet reċenti, filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kemm internament kif ukoll globalment. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-SMEs.
16. Filwaqt li jibni fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-kompetittività fit-tul tal-UE - inħarsu lil hinn mill-2030", il-Kunsill Ewropew jappella biex tiġi avvanzata l-ħidma fl-oqsma li ġejjin:
 - a) Ambjent regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir
 - simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju ġenerali u tnaqqis tal-piż amministrattiv, inkluż permezz tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi, it-twettiq ta' kontrolli tal-kompetittività għal proposti leġislattivi ġodda u ż-żieda b'mod konsiderevoli fl-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali (bħall-eID u data li tinqara minn magna u data standardizzata). Ir-rekwiżiti ta' rappurtar, b'mod partikolari fil-leġislazzjoni ekoloġika, diġitali u ekonomika tal-UE, għandhom jiġu razzjonalizzati;

- infurzar b'mod effettiv tar-regoli tas-Suq Uniku biex tiġi żgurata konverġenza regolatorja fis-setturi kollha, inkluż is-servizzi;
- żieda fl-isforzi fil-livell nazzjonali u tal-UE biex jitnaqqsu l-ostakli għan-negozju transfruntier u tiġi avvanzata l-ħidma dwar l-aċċess għall-mediċini madwar l-Istati Membri filwaqt li jissaħħu wkoll l-inċentivi għall-investimenti fl-innovazzjoni.

b) Investment

- approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, tneħħija tal-ostakli li fadal għall-finanzjament transfruntier, tħaffif tal-aċċess għall-kapital privat u l-mobilizzazzjoni tiegħu għall-investment, b'mod partikolari għall-SMEs. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw il-ħidma fir-rigward tal-proposti leġiżlattivi f'dan il-qasam qabel it-tmiem taċ-ċiklu leġiżlattiv attwali;
- żgurar tal-mobilizzazzjoni sħiħa tal-finanzjament disponibbli u tal-istrumenti finanzjarji eżistenti u l-użu tagħhom b'mod aktar flessibbli, sabiex jiġi pprovdut appoġġ f'waqtu u mmirat f'setturi strateġiċi mingħajr ma jiġu affettwati l-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni; Il-Kunsill Ewropew ifakkar li ħa nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi Fond Ewropew għas-Sovranità qabel is-sajf 2023 biex jiġi appoġġat l-investment fis-setturi strateġiċi;
- tisħiħ tal-ekosistemi prinċipali biex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista siguri, stabbli u sostenibbli għat-tranżizzjonijiet doppji;
- titjib tal-konnettività fis-Suq Uniku għall-Istati Membri kollha, inkluż billi jiġu żviluppati u aġġornati l-infrastruttura u l-interkonnessjonijiet għat-trasport u l-enerġija, inkluż il-grilji.

c) Riċerka u Innovazzjoni

- inċentiv mogħti għall-innovazzjoni, b'enfasi fuq oqsma b'potenzjal għoli ta' tkabbir;
- żieda fl-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp biex tintlaħaq il-mira tan-nefqa pubblika u privata ta' 3 % tal-PDG;
- iffaċilitar tal-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti u servizzi innovattivi, inkluż permezz tal-użu ta' sandboxes regulatorji.

d) Diġitalizzazzjoni

- sfruttar tal-valur tad-data fl-Ewropa filwaqt li tiġi żgurata l-privatezza u s-sigurtà, u l-użu ta' soluzzjonijiet mill-ekonomija f'ħin reali;
- trawwim tal-adozzjoni ta' għodod diġitali fl-ekonomija kollha u żieda fl-appoġġ għan-negozji u l-amministrazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea biex jibqgħu fuq quddiem fl-Intelliġenza Artifiċjali, il-computing kwantistiku, il-mikroelektronika, is-6G, il-web 4.0 u ċ-ċibersigurtà.

e) Ħiliet

- żvilupp tal-ħiliet u tqabbil ma' impjiegi attraenti u ta' kwalità, żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa u ż-żgħażaġh, u promozzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi tan-nuqqas ta' ħaddiema u t-trasformazzjoni tal-impjiegi, inkluż fil-kuntest tal-isfidi demografiċi.

f) Ċirkolarità

- trawwim tat-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ċirkolari biex tittejjeb is-sostenibbiltà, jitbaxxew il-kostijiet tal-input għall-industrija tal-UE u jitnaqqsu d-dipendenzi fir-rigward tal-materjali primarji, inkluż billi jinħatfu l-opportunitajiet offriti mill-bioekonomija.

Politika industrijali

17. Il-Kunsill Ewropew eżamina l-progress li sar fir-rigward tal-linji ta' azzjoni differenti. Huwa jappella biex tiġi avvanzata l-ħidma fir-rigward tal-proposti għal Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u għal Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika u jieħu nota tal-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet u t-Tranżizzjoni għall-Għajnuna mill-Istat.

Politika kummerċjali

18. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar l-aspetti ġeopolitiċi tal-kummerċ u enfażizza l-kontribut tal-politika kummerċjali għall-kompetittività tal-UE.

Koordinazzjoni tal-politika ekonomika

19. Il-Kunsill Ewropew japprova:
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar ir-rieżami ta' governanza ekonomika;
 - il-prijoritajiet tal-politika tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir Sostenibbli u jistieden lill-Istati Membri jirriflettuhom fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma jew fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom;
 - l-abbozz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

III. ENERĠIJA

20. Il-Kunsill Ewropew evalwa l-azzjoni li ttieħdet biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, titnaqqas id-domanda għall-gass, tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u titneħħa gradwalment id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi.

21. Filwaqt li s-sitwazzjoni tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea tgiebet, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw tħejjija u ppjanar ta' kontinġenza bil-ħsieb tal-istaġuni li ġejjin tal-mili tal-ħażniet tal-gass u tat-tisħin. F'dak il-kuntest, huwa jhegġegħ lill-partijiet ikkonċernati kollha involuti biex jagħmlu użu sħiħ mill-mekkaniżmu ta' xiri konġunt AggregateEU permezz tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE biex tkompli titjeb is-sigurtà tal-provvisti tal-gass bi prezzijiet affordabbli. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tiffinalizza minnufih il-valutazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza adottati fl-2022 u biex tipproponi, fejn meħtieġ, l-estensjoni tal-applikazzjoni tagħhom.
22. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-koleġislaturi jilħqu qbil minnufih dwar il-proposti rilevanti kollha biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika, u javvanzaw il-ħidma mingħajr dewmien dwar ir-reviżjoni proposta tad-disinn tas-suq intern tal-elettriku tal-UE bil-ħsieb li tiġi żgurata l-adozzjoni tagħha sa tmiem l-2023.

IV. PUNTI OĦRA

Migrazzjoni

23. Il-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni infurmaw lill-Kunsill Ewropew dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Frar 2023 dwar il-migrazzjoni. Filwaqt li jfakkar li l-migrazzjoni hija sfida Ewropea li teħtieġ rispons Ewropew, il-Kunsill Ewropew jappella għal implimentazzjoni rapida tal-punti kollha li sar qbil dwarhom. F'Ġunju, huwa ser jirrieżamina l-implimentazzjoni.

Relazzjonijiet esterni

24. Wara t-terremot traġiku tas-6 ta' Frar 2023, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tal-Konferenza tad-Donaturi b'appoġġ għall-poplu fit-Turkija u s-Sirja u jappella għall-iżborż rapidu u effettiv tal-assistenza mwiegħda.

25. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Ftehim dwar il-perkors għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Kosovo* u s-Serbja u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu, li ntlaħqu fid-djalogu ffaċilitat mill-UE u mmexxi mir-Rappreżentant Għoli, bħala partijiet integrali mill-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom, u jappella liż-żewġ partijiet biex jimplimentaw b'mod xieraq u in bona fide l-obbligi rispettivi tagħhom.
26. Il-Kunsill Ewropew jiddeplora bil-qawwa l-kundanna ta' rappreżentanti prominenti tal-oppożizzjoni demokratika Belarussa għal sentenzi ta' ħabs twal u mhux ġustifikati. Huwa jappella lill-awtoritajiet Belarussi biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, biex itemmu r-repressjoni, jeħilsu lill-priġunieri politiċi u jirrispettaw il-minoritajiet.
27. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil dwar il-Qafas ta' Windsor u jħares 'il quddiem għall-implimentazzjoni rapida tas-soluzzjonijiet kollha maqbula in bona fide.

*

* *

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Konferenza tan-NU tal-2023 dwar l-Ilma u l-Aġenda ta' Azzjoni tagħha dwar l-Ilma. Huwa jirrikonoxxi l-ħtieġa għal azzjoni msaħħa tal-UE u dinjija dwar l-ilma u jissottolinja l-importanza ta' approċċ strateġiku tal-UE għas-sigurtà tal-ilma.

* *Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.*